# KONT TAF:

## X'INHI Ċ-Ċ.I.T.E.S.?

Il-kummerċ internazzjonali fil-ħajja selvaġġa kemm ta' l-annimali kif ukoll tal-pjanti, jiswa biljuni ta' dollari fis-sena. Minħabba f'hekk, numri kbar ta' annimali u pjanti ġew mhedda li jinqerdu minn wiċċ id-dinja. Dan qajjem tħassib dwar il-bżonn ta' ħarsien ta' ċerti speċi, tant li fl-1973 intlaħaq ftehim internazzjonali biex iħares il-ħajja selvaġġa minn dan il-kummerċ. Dan il-ftehim dwar il-kummerċ internazzjonali ta' speċi mhedda ta' flora u fawna huwa magħruf aħjar bħala Ċ.I.T.E.S. (*Convention on International Trade in Endangered Species of Wild Flora and Fauna*) beda jseħħ mill-1 ta' Lulju 1975. Illum hemm 130 pajjiż imsieħba f'dan il-ftehim. Dawn ma jħallux kummerċ isir f'numru ta' speċi mhedda u jirregolaw u jgħassu l-kummerċ fi speċi oħra li jistgħu jsiru mhedda.

### GĦALIEX HI MEĦTIEĠA Ċ-ĊITES?

Hemm 'il fuq minn 13,000 speċi magħrufa ta' mammiferi u għasafar, kif ukoll eluf ta' rettili, amfibji u ħut, miljuni ta' invertebrati, u madwar 250,000 speċi ta' pjanti li jwarrdu. L-għejbien ta' speċi minn wiċċ id-dinja huwa fattur naturali ta' l-evoluzzjoni tal-ħajja. Iżda l-bniedem kien responsabbli għall-għejbien ta' numru ta' annimali u pjanti. Għebu għal dejjem, per eżempju, 17-il tip ta' ors, 5 speċi ta' volpijiet u lpup, 4 speċi ta' qtates (tigri), 10 speċi ta' baqar, ngħaġ, mogħoż u antelopi, 5 speċi ta' żwiemel, żebri u ħmir, tliet speċi ta' ċriev u numru mhux magħruf ta' pjanti, li jinkludi ta' l-anqas orkidea -- is-*Slipper Orchid*.

L-aħħar Dodo, għasfur li ma jtirx, inqatel fil-Mauritius fl-1681, waqt li l-Passenger Pigeon, li l-qtajja' tiegħu kienu jdallmu s-smewwiet ta' l-Amerika ta' Fuq ftit anqas minn 100 sena ilu, ukoll għeb fil-bidu ta' dan is-seklu minħabba li kien jinqatel għall-ikel.

Numru mdaqqas ta' speċi qegħdin jonqsu minħabba t-telf ta' l-ambjent tagħhom, u aktar u aktar għax jiġu esplojtati mill-bnedmin. Il-kummerċ ukoll illum sar waħda mir-raġunijiet tat-telf ta' l-ispeċi, minħabba li l-iżvilupp li sar fil-mezz tat-trasport għamilha possibbli biex annimali u pjanti ħajjin u l-prodotti tagħhom jinġarru f'kull rokna tad-dinja.

Il-kummerċ fil-ħajja selvaġġa huwa kummerċ li jħalli l-qligħ. Dan jinvolvi varjeta' ta' speċi, kemm ħajjin kif ukoll prodotti minnhom. Miljuni ta' annimali u pjanti ħajjin jinġarru madwar id-dinja kull sena biex iwieġbu għad-domanda tal-kummerċ ta' l-annimali u biex ilaħħqu mad-domanda għall-pjanti ornamentali. Ġlud, furs, injam u artikli manifatturati minnhom huma kollha kummerċjali f'numri kbar.

Bis-saħħa tal-ftehim ĊITES, il-pajjizi msieħba jgħinu fil-ħarsien tal-fawna u l-flora billi jħaddmu sistema ta' kontrolli fuq il-kummerċ intern-azzjonali. Dan il-ħarsien hu maqsum f'żewġ kategoriji. Hemm numru ta' speċi li huma mhedda li jgħibu minħabba l-kummerċ fihom; dawn huma miġburin fil-lista numru wieħed. Sabiex ma jiġux mhedda aktar, ma jingħatawx permessi għall-kummerċ fihom ħlief f'ċirkustanzi eċċezzjonali. Fost dawn insibu numru kbir ta' mammiferi bħal iljunfanti, xadini, baleni, tigri, rinoċeronti, tajr tal-priża, pappagalli, fkieren tal-baħar, xi kukkudrilli, fkieren ta' l-art u gremxul, orkidi, ċikadi u kaktus.

Numru ta' annimali oħra huma miġbura fil-lista numru tnejn, bil-għan li tikkontrolla l-kummerċ fihom, għaliex jekk ma jkunx hemm kontrolli dawn ukoll jiġu mhedda. U biex ma jkunx hemm biża' li speċi mhedda jiġu kummerċjati bħala speċi li ma humiex mhedda, anke dawk l-ispeċi li jixtiebħu huma miġbura f'din il-lista numru tnejn. Kummerċ internazzjonali f'dawn l-ispeċi jista' jsir iżda kkontrollat b'dokumentaz-zjoni mill-pajjiżi li jkunu qegħdin jesportawhom. F'din il-lista nsibu, fost oħrajn, speċi li ma humiex qiegħda fil-lista numru wieħed bħal tigri, primati, dniefel, tajr tal-priża, flamingoes, graw, bebbux, friefet, u mqar siġar li minnhom jittieħed l-injam.

Barra minn hekk il-ftehim ĊITES jippermetti lill-pajjiżi msieħbin li jkollhom regolamenti aktar b'saħħithom. Il-lista numru tlieta fiha

l-ispeċi li l-pajjiżi membri jkunu jridu li jkun hemm kontrolli fuqhom meta dawn jiġu esportati minn dawn il-pajjiżi stess.

Malta saret membru ta' dan il-ftehim fis-17 ta' April 1989 u dan beda jseħħ għall-pajjiżna fis-16 ta' Lulju 1989.





**XI INFORMAZZJONI DWAR KEMM ISIR KUMMERĊ DINJI TA' SPEĊI TA' FAWNA U FLORA SALVAĠĠA FIS-SENA**

**Xadini**: minn 25,000 sa 30,000
**Għasafar ħajjin**: minn 2 miljuni sa 5
**Qxur ta' sriep**: 10,000,000
**Fer**: 15,000,000
**Ħut tropikali**: minn 500 sa 600 miljun
**Orkidi mis-selvaġġ**: minn 9 miljui sa 10
**Basal ta' l-Isnowdrops**: 30,000,000
**Kakti**: minn 7 miljuni sa 8

*Cites/C&M International Magazine*
*Vol. 11, No. 3 April '95.*







# IR-RINOĊERONTI

Illum il-ġurnata nsibu 5 speċi ta' rinoċeronti: tlieta fl-Asja u tnejn fl-Affrika. Il-ħamsa li huma jinstabu fil-lista numru wieħed taċ-ĊITES. Filwaqt li l-popolazzjoni tar-Rinoċeront l-Abjad fin-Nofsinhar ta' l-Affrika f'dawn l-aħħar mitt sena żdiedet għal madwar 5000 wieħed, dan ma japplikax għal dawk tat-tramuntana, fejn jista' jkun li nsibu anqas minn 30 jgħixu fis-selvaġġ.

Fl-1970 kien hemm madwar 60,000 Rinoċeront Iswed. Illum probabilment hemm inqas minn 2,500. Fl-Asja r-Rinoċeront Indjan il-Kbir huwa l-aktar komuni, madwar 1500, u r-Rinoċeront ta' Ġava l-aktar mhedded, minn 50-60 ras. L-akbar theddida għal Rinoċeront hija l-kaċċa illegali għall-qarn tiegħu li huwa mfittex għal żewġ raġunijiet: għall-mediċina tradizzjonali orjentali fejn il-qarn tar-Rinoċeront Asjatiku huwa mfittex u jqum aktar minn dak Affrikan, u għall-manifattura ta' maqbad ta' l-istalletti fil-Jemem u l-Onan.



*L-Asja*



*L-Afrika*

Ir-Rinoċeront Indjan il-Kbir
*Rhinoceros unicornis*
Great Indian Rhino

Ir-Rinoċeront ta' Ġava
*Rhinoceros sondaicus*
Javan Rhino



Ir-Rinoċeront ta' Sumatra
*Diocherinus sumatrenis*
Sumatran Rhino



Ir-Rinoċeront l-Iswed
*Diceros bicornis*
Black Rhino

Ir-Rinoċeront l-Abjad
*Ceratotherium simum*
White Rhino



# LISTA TA' SPEĊI LI JISSEMMEW F'DIN IL-ĦARĠA

| *Malti* | *Xjentifiku* | *Ingliż* |
|---|---|---|
| Baħrija tal-Leblieba | *Agrius convolvuli* | Convolvulus Hawkmoth |
| Baħrija tal-Ballut | *Lasiocampa quercus* | Oak Eggar |
| Balluta | *Quercus ilex* | Holm Oak |
| Bies | *Falco peregrinus* | Peregrine Falcon |
| Bies tar-Reġina | *Falco eleonorae* | Eleonora's Falcon |
| Burqax | *Serranus scriba* | Painted comber |
| Ċawla (ħuta) | *Chromis chromis* | Damsel fish |
| Ċerna Deħbija | *Epinephelus alexandrinus* | Golden grouper |
| Ċerna Komuni | *Epinephelus gauza* | Dusky grouper |
| Ċerna tal-Fond | *Polyprion americanus* | Wreckfish/Stonebass |
| Dott Abjad/Ċerna Sewda | *Epinephelus caninus* | Dogtooth grouper |
| Dott tat-Tebgħa Safra | *Epinephelus alexandrinus* | Golden grouper |
| Fraxxnu | *Fraxinus angustifolia* | Narrow-leaved Ash |
| Kampanella salvaġġa | *Colystegia x lucana* | Hybrid Bindweed |
| Karfus il-Ħmir | *Smyrnium olusatrum* | Alexanders |
| Leblieb Abjad | *Convolvulus lineatus* | Narrow-leaved Bindweed |
| Leblieb Ikħal | *Convolvulus tricolor* | Heavenly Blue |
| Leblieb Rar | *Convolvulus cantabrica* | Southern Bindweed |
| Leblieb ta' l-Irdum | *Convolvulus oleifolius* | Olive-leaved Bindweed |
| Leblieb ta' Sqallija | *Convolvulus siculus* | Blue Bindweed |
| Leblieb tal-Blat | *Convolvulus althaeoides* | Mallow-leaved Bindweed |
| Leblieb tar-Raba' | *Convolvulus arvensis* | Field Bindweed |
| Leblieb tar-Ramel | *Calystegia soldanella* | Sea Bindwed |
| Luq | *Populus alba* | Poplar |
| Nemmiesa | *Ulmus canescens* | Grey Elm |
| Ħannewija | *Acanthus mollis* | Common Bear's Breech |
| Ħanżir tal-Fond (Ċerna) | *Polyprion americanus* | Wreckfish/Stonebass |
| Ħanżir Burqax | *Serranus hepatus* | Brown Comber |
| Pixxiroża tar-Rigi | *Anthias anthias* | Swallowtail sea perch |
| Rusku/Belladonna | *Ruscus hypophullum* | Large Butchers-broom |
| Seqer tal-Ħannieqa | *Falco subbuteo* | Hobby |
| Siġra taż-Żejt ir-Riġnu | *Ricinus communis* | Castor Oil Tree |
| Sirran | *Serranus cabrilla* | Comber |
| Spanjulett Sekond | *Falco naumanni* | Lesser Kestrel |
| Spnotta | *Dicentrarchus labrax* | Bass |
| Sultan iċ-Ċawl | *Garrulus glandarius* | Jay |
| Tudun | *Columba palumbus* | Woodpigeon |
| Żumbrell | *Falco vespertinus* | Red-footed Falcon |
| Vopa | *Boops boops* | Bogue |
| Żafżafa | *Salix alba* | White Willow |
| Żnuber | *Pinus halepensis* | Aleppo Pine |